# Lejn it-Tmiem

Għalik, għoddu spiċċa kollox
imma int ma tafx;
Xi ħniena!

Barra t-tieqa mbexxqa
xemx melliesa twelled blanzun.
Mulej, għaliex tant ironija?

Mitlufa,
fuq xfar għajnejk imbexxqa ta' xejn,
tilgħab l-illużjoni

Idejk, jgħumu quddiemek
jiżfnu l-aħħar kumpilazzjoni astratta
ta' ħajtek.

Bħal ta' ċinju
patetika fil-grazzja tal-movimenti aħħara
l-interpretazzjoni tiegħek.

Barra fix-xemx,
il-blanzun qed jinxef min-nidi ta' twelidu;
fuqek ixoqq l-aħħar għaraq.

Eli Eli! L-aħħar agunija.
Alla tiegħi, x'toqol!
X'imrar!

Ikompli jisbaħ
Raġġ ta' xemx maħrub jidħol
u jolqot friexek

Consumatum est. Kollox mitmum.
X'imkien barra mit-tieqa jitħarrek u jtir
għasfur.